# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' April 2007 fit-5.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Mejju 2007 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Ġunju 2007 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Lulju 2007 fis-6.30p.m.

   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

   Il-laqgħa tas-6 ta' Mejju 2007 li taħbat f'għeluq l-21 sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliz) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 70 APRIL 2007 JITQASSAM BLA ĦLAS



## GĦAJNEJN ĠESU QASMULI QALBI

"...F'nofs illejl kelli viżjoni ħajja ta' Ġesu... b'dik il-kuruna tax-xewk, bis-salib fuq spallejh, dmija tqattar minn rasu u l-għajnejn ta' Ġesu qasmuli qalbi b'dik il-ħarsa ħanina u qaddisa... U meta smajtu jgħid, 'Binti, ma stajt nagħmel xejn aktar u akbar milli għamilt f'dan il-lejl... li permezz tiegħu ħallejtilkom dan il-miraklu ħaj u divin fl-Ewkaristija', m'għandkomx idea x'ħassejt... Dawk l-għajnejn divini ta' Ġesu ppenetrawli qalbi, nifduli qalbi għax dik il-ħarsa divina ta' Ġesu fissret ħafna għalija." Ġuża Mifsud 28/03/1991.

# IL-FAMILJA FID-DINJA TALLUM

Żgur li ħadd ma jibqa' passiv meta jisma' b'xi koppja li ilhom erbgħin, ħamsin jew saħanistra sittin sena miżżewġin. Kartolini u intervisti ma jonqsux. Lanqas tonqos il-mistoqsija dwar x'żamm il-koppja flimkien għal tant żmien twil. Iżda din hi biss parti mir-rejaltà. Sfortunatament tista' tgħid li fid-dinja tallum kulħadd jaf b'xi ħadd li l-familja tiegħu jew tagħha tkissret, li ż-żwieġ tħarbat. X'qed iwassal għal dan? X'tista tkun s-soluzzjoni? Dan huwa suġġett kumpless u delikat ħafna, iżda flimkien ser naqraw xi siltiet mid-diskorsi ta' Ġuża Mifsud li jittrattaw il-familja.

## Imorru kontra l-kmandamenti t'Alla.

Ġuża tgħid li fis-7 ta' Frar 1987 il-Madonna qaltilha, "Kun af, binti, li d-dinja tħabblet ħafna b'din id-duttrina li ma għandhiex x'taqsam mad-duttrina li tana Alla, mal-għaxar kmandamenti t'Alla... Din hija duttrina tad-dlam, duttrina tal-gwerer, duttrina tal-mibegħda, duttrina ta' tifrik... Alla l-għaxar kmandamenti għamilhom, tahom lil Mose kif kellu jagħtihomlu mingħajr ma huma mittifsin xejn, bil-veru duttrina li l-Mulej riedha qawwija u sħiħa... U mhux dak, jaħasra, qiegħed f'pont tant hu ikrah illi ma jridx lil martu, hija ma tridx lil żewġha. Dawna ma humiex favur l-għaxar kmandamenti t'Alla...

Id-duttrina tal-Mulej iridu jħassruha biex jagħmlu duttrina li taqbel lilhom, rigward id-divorzju, rigward it-taħwid tal-familja, rigward il-qtil tat-tfal innoċenti..."

F'Diċembru 1988 kompliet tgħid, "Arukaża ġo Malta hawn dawn l-affarijiet: ħallietu bi tlett itfal u hu ħalliha b'erbat itfal... biex mar ma' mara oħra. Mela l-mara li għandu mhix bħall-mara l-oħra? Billi għandha naqra ġmiel ġol-qabar kollox jispiċċa!... Qegħdin nonqsu ħafna mill-għaxar kmandamenti t'Alla tafux... għax Hu jgħidlek: tixtieqx nisa ta' oħrajn, toqtolx, tiżnix... U dan inti ma ħadtx is-sagrament quddiem Ġesu ta' l-Ewkaristija li raġel wieħed u mara waħda?"

## Nuqqas ta' talb u kalunji.

Ħafna kienu n-nies li kienu jgħidu lil Ġuża biex titlob għalihom. Żgur li qatt ma naqset lil ħadd mit-talb. F'Settembru 1995 hija qalet, "Jien għal kulħadd nitlob, irrid nitlob b'ħafna intenzjoni, b'moħħi nadif, intenzjoni retta li kulħadd ikun fil-grazzja t'Alla... Jgħiduli huma stess: "Jien u t-tfal nieklu f'kamra u hu jmur f'kamra oħra." Dan m'għandux ikun qalb il-familji. Qalb il-familji għandu jkun hemm l-imħabba u l-paċi. Aħna ommi bir-rużarju kienet



tqajjimna u bir-rużarju u l-quddies kienet traqqadna. Imma, jaħasra, d-dinja tħarbtet wisq għax kulħadd jgħidlek: "Lanqas ir-rużarju ma naf, lanqas posta rużarju ma għandi żmien ngħid..."

Imbagħad fi Frar 1995 hija qalet, "Ġo Malta issa nqlibna ta' taħt fuq. U dan sew, dan id-divorzju? Ommi kellha wieħed u tmenin sena u anka missieri. U mela qatt ma ġġieldu? Imma dejjem irrispettaw lil xulxin... Jien ngħid għalija nitlob għal kulħadd... imma għal dawn in-nies nitlob ħafna biex Alla jgħaqqadhom fi żwieġ li ma jinħallx. Fiż-żwieġ li ma jinħallx hemm il-barka...

Jiena dan nafu mis-Sinjura tal-Ħajja li qaltli biex nitkellem ħafna fuq dawn l-affarijiet. Kemm jisgħobiha l-Madonna fuq dawn il-familji, iħarbtu lilhom infushom, iħarbtu lil uliedhom, iħarbtu l-patria. Jistgħu jiġu hawnhekk ir-rappreżentanti kollha li għandha ġo Malta u ngħidilhom, "Le, mhux sewwa li ħa nħarbtuh iż-żwieġ... Dawn Alla jħares ma jkunx hemm nies ta' rieda tajba biex imbagħad jaqdu lit-tfal għax imbagħad min jeħel? Povri tfal hu. Jiena ommi u missieri dejjem rabbewna kif kellhom irabbuna... jgħidulna r-rużarju. Konna nbatu imma dejjem għexna l-valuri ta' Kristu u kif irid il-Mulej..."

F'Ġunju 1993, Ġuża wissiet ħafna biex, "noqogħdu kwieti u ma nerfgħu salib ħadd għax kieku tafu dawn li jikkalunjaw u jpaspru kemm iġibu ġlied... Jgħidulek l-irġiel, 'qaluli li l-mara rawha ma' wieħed.' U le, forsi mhux veru. Nagħdru, naħfru lil xulxin, nikkumpatixxu 'l xulxin u ma nibqgħux sejrin hekk ġo Malta tagħna... Ħbieb noqogħdu attenti, ma ninfamawx... Jaħasra dak mhux sewwa għax jaf naqra mbarazz jifred familja."

## L-Att tal-Konsagrazzjoni tal-familja.

Fil-laqgħa ta' April 1994, Ġuża qalet li, "Aktar ma kemm in-nies imorru mal-kurrent tad-dinja aktar ikun hawn tifrik. Fil-passat kien hawn ħafna unjoni u paċi fil-familji. Jiena kull filgħodu hekk ngħidilhom lill-Mulej Ġesu u lill-Madonna, "Qalb Imqaddsa ta' Ġesu, qalb bla tebgħa ta' Marija, ifthu l-bibien f'Malta, f'Għawdex u fid-dinja kollha għall-att tal-konsagrazzjoni, att ta' mħabba, biex intom tużaw il-familji kif jogħġob lilkom fl-affarijiet spiritwali."

Din it-talba ma ġietx mix-xejn għax skond Ġuża l-Madonna kienet qaltilha hekk, "Kompli ħeġġeġ ħafna biex il-familji jiġu kkonsagrati lil Qalb ta' Ġesu u l-qalb tiegħi għax hemmhekk aħna nidħlu b'kollox f'din il-familja... Fid-dinja hawn ħafna konfużjonijiet, ħawn ħafna diżastri, hawn ħafna nuqqas ta' mħabba... Familji mħarbtin, familji qishom m'għadhomx jafu lil xulxin, għaliex? Għax f'nofshom mhux jirrenja Ġesu Ibni u jiena. Dawk il-familji li jiġu kkonsagrati, dawk aħna nkunu kollox f'ħajjithom. Nużawhom aħna kif għandhom ikomplu l-ħajja tagħhom. Ilek żmien twil ta' kull filgħodu inti

titlob lili u lil Ġesu biex nidħlu fid-djar bil-konsagrazzjoni. Kompli xerridha din id-devozzjoni, ħalliha anka bil-miktub, biex din id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu u tal-qalb tiegħi titkompla..."

Joħrog ċar minn dan kollu li l-problema ewlenija fil-familji tallum hija n-nuqqas ta' talb. Ħafna minna ma nsibux ħin biex nitlobu, imma ħin għall-affarijiet materjali nsibu kemm irridu. In-nuqqas ta' talb iġib miegħu laxkezza li twassal biex wieħed jirraġuna li xejn ma hu xejn, li xejn ma hu dnub. Imma niftakru li dak li kien ħażin għadu ħażin. Il-fatt li l-'media' u s-soċjeta jpinġu l-ħażin bħala tajjeb ma jfissirx li sar hekk. Huwa diffiċli li ma ninġarrux mal-kurrent imma rridu nibqgħu sodi. Sodi fit-twemmin tagħna, sodi fit-tagħlim tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.

Sfortunatament jiġri li bl-aġir tagħna nġagħlu lil ħaddieħor biex jiżvija wkoll. Kristu stess qalilna li, "Ġejt biex nifred lill-bniedem minn missieru, lill-bint minn ommha, u lill-mara minn omm zewġha; u l-bniedem ikollu n-nies ta' daru stess għedewwa tiegħu. Min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi; min iħobb lil ibnu jew lil bintu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi." Iżda kemm hawn ġenituri li qegħdin kważi jiġu sfurzati jilqgħu lil uliedhom f'darhom bis-sieħeb jew sieħba li ma hijiex il-veru raġel jew mara tagħhom. Hija iebsa għal kull ġenitur iżda d-dmir li jibqa' jwissi x'inhu t-tajjeb ma għandu jieqaf qatt. Kulħadd ruħ waħda għandu u rridu nibżgħu għalija. Nitolbu għall-għaqda, nitolbu li jkun hemm aktar rispett bejn il-koppji, nitolbu biex iqegħdu lil Kristu fiċ-ċentru tal-ħajja tagħhom u li jsibu l-ħin biex flimkien jitolbu l-barka tiegħu.

Sylvana Spiteri LL.D

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**R. Catania mill-Mosta** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud.

**N. N. minn Santa Venera** tgħid li f'Awissu kienet qegħda tgħid ir-rużarju quddiem l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti u fl-istess ħin kienet qegħda tiftaħ qalbha dwar il-problemi li kienet għaddejja minnhom. Lill-Madonna talbitha sinjal biex turiha li qegħda tisma' t-talb tagħha.
Tgħid li ftit wara, kien għadha l-Girgenti, indunat li tliet posti tal-kuruna u tliet żibġiet minn ta' fejn is-salib kienu bidlu l-kulur, minn abjad saru sofor, qisu kulur il-brandy. Magħha kellha t-tifla li hi xhud ta' dan kollu.

**N. N. minn Ħaz-Żabbar** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. Hija kitbet hekk: "Għandi tifel ta' erbgħa u tletin sena li kien ilu ħafna jbati b'widnejh. Għamiltlu l-ilma tal-Girgenti filgħodu. Wara l-ikel mar jimtedd ftit u meta qam ma ħass xejn iżjed. Jien wegħedt lill-Madonna li jekk ibni jfiq nippubblika l-grazzja fuq Leħen il-Girgenti."

**B. Felice mill-Marsa, J. Saliba miz-Zejtun u F. Agius minn B'Bugia** jirringrazzjaw lil Alla għall-grazzja li qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna taħt it-titoli tal-Konsagrazzjoni u tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud.

**A. Xuereb mill-Birgu** kitbet hekk: "Kelli boċċa f'għonqi u tlabt lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud sabiex bit-talb tagħhom jinterċedu għalija quddiem Ġesu Sagramentat. Il-grazzja qlajtha għax il-boċċa niżlitli. Grazzi Mulej."

**M. Borg mill-Kalkara** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Kellha t-tifel kien ilu ħafna ma jaħdem, talbet permezz tal-rużarju u l-grazzja nqalgħet peress li sab xogħol.

**G. Mangion mis-Siġġiewi** kitbet hekk: Jiena nixtieq nirringrazzja lil Alla li permezz tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni qlajt din il-grazzja.
Kien xi sbatax-il sena ilu, meta kelli uġigħ kbir f'għarqubi. Il-Professur kien qalli li harġitli għadma fl-għarqub. Kont immur darbtejn fil-ġimgħa għall-ultra sound fl-għarqub għax ma kont nista' nimxi xejn. Kienu għamluli wkoll għarqub biex inpoġġih

fiż-żarbun ħalli jservi ta' sapport waqt il-mixi.
Darba meta kont għaddejja mill-pjazza rajt in-nies jieqfu għand Ġuża u ddeċidejt li nidħol magħhom. Dħalt, inżilt għarkubbtejja u tlabt lill-Madonna tfejjaqni. Jiena u ħierġa ġiet Ġuża fuqi u bid-dmugħ f'għajnejja għidtilha, "Ġuża itlob lill-Madonna għalija ħalli tfejjaqni biex inkun nista' nkompli mal-familja." Fil-pront Ġuża qabditli jdejja u qaltli, "Mur, mur il-Madonna tfejqek."
Bqajt nilbes l-għarqub sa xi ġimgħa wara. Imbagħad għaddieli l-uġigħ u ma lbistux aktar. Sal-ġurnata tallum inħossni mfejqa għal kollox mill-uġigħ li kelli u nista' nilbes kull tip ta' żarbun.
Nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

**R. Vella mill-Pieta** kitbet hekk: Għoxrin sena ilu kelli boċċa daqs żibġa fuq wiċċi n-naħa ta' widnejja. Kellimt lit-tabib u qalli li jista' jkun kanser li qed jikber bil-mod u hemm iċ-ċans li jekk ineħħuhieli jistgħu joqtluli n-nerv u jipparalizzawli nofs wiċċi. Għalhekk ma neħħejthiex.
Il-boċċa saret daqs ġewża u għalhekk ir-riskju kien akbar. Tlabt lill-Madonna tal-Girgenti u tal-Mirakli u sintendi lil Ġuża Mifsud. Bil-għajnuna tagħhom u tat-tabib Dennis Gatt neħħejtha u hija biss parti żgħira li għandi mtarrxa. Barra minnhekk it-tabib qalli li ma kinitx kanser.
Grazzi lilhom u fuq kollox lil Alla Missieri li tant inħobb.

**N.N. minn Paola** jirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti qala' grazzja li għalih u għall-familja kollha kienet kbira ħafna. Ilkoll flimkien għaddew minn żminijiet koroħ u diffiċli. Talbu lill-Madonna tal-Girgenti u wara tmien xhur il-grazzja li għalihom kienet tidher impossibbli nqalgħet u reġa' kollox għan-normal. "Rebaħ is-sewwa, rebħet Marija, rebħet Ġuża u rbaħna aħna lkoll."

**T. Attard minn Birkirkara** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Kellu xi nkwiet fil-familja li kien qed ikiddu ħafna iżda bil-għajnuna ta' Alla u bit-talb tal-Madonna u ta' Ġuża dan l-inkwiet sfaxxa fix-xejn.
Huwa bagħat din it-talba lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni bħala ringrazzjament:
O Mbierka u Verġni Madonna tal-Konsagrazzjoni, taħt il-mant tiegħek insibu l-kenn u la tippermettix li aħna nintilfu. Ja Omm ikkonsagrata lil Alla, aħna nitolbuk bil-ħniena biex tkun dejjem magħna u tkun il-qawwa tagħna. Henn għalina, għall-foqra, għall-morda, għall-agonizzanti, għall-ħabsin u għal dawk li huma mitlufin. Henn għal dawk li jitolbuk l-għajnuna u l-protezzjoni kemm fir-ruħ kif ukoll fil-ġisem. Aħna nafdaw fik. Kun magħna tul ħajjitna kollha.



## DVD - IX-XEJN AĦJAR MINNI

"Minn jien? Jien ma jien xejn, ix-xejn aħjar minni!" Hekk jibda d-DVD ġdid li għadu kemm ħareġ b'tagħrif siewi u nteressanti dwar Ġuża Mifsud u l-messaġġ tal-Girgenti.
Fejn għexet Ġuża? X'kienet tagħmel f'żgħużitha? Minn fejn ġew it-titoli Madonna tal-Konsagrazzjoni u Madonna tal-Girgenti? Il-Beatu Dun Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca x'sehem kellhom f'ħajjitha? X'riedet il-Madonna minn Ġuża? Ġuża lill-Madonna biss rat? X'qalu dwar Ġuża Mons. Carmelo Xuereb, Mons. Salvatore Grima, Mons. Amante Buontempo u Dun Nazzaren Tonna? Ħafna grazzji maqlugħa, ħafna ritratti, filmati u aktar...
Kull min hu devot tal-Madonna taħt it-titoli tal-Konsagrazzjoni jew tal-Girgenti u min jixtieq ikun jaf aktar dwar dawn il-ġrajjiet, ma jistax ma jakkwistax kopja ta' dan id-DVD!
Żgur li meta wieħed jixtarr il-kontenut għandu jħoss imħabba akbar lejn Alla l-Missier, lejn il-Mulej Ġesu, l-Ispirtu s-Santu, l-Madonna u s-sema kollha. Imħabba akbar li tgħinna lkoll ngħixu ħajja aħjar aktar qrib il-Mulej, ħajja mimlija b'ħafna paċi tal-qalb.
Infakkar ukoll f'DVD ieħor li fih siltiet mill-laqgħa ta' talb li kienet għamlet Ġuża f'Ġunju 1990 kif ukoll wieħed jista' jgħid ir-rużarju flimkien ma' Ġuża: ir-rużarju tat-tbatija li tant kien għal qalbha. Rużarju mimli stampi li jgħinna nimmeditaw kull misterju meħud mill-passjoni ta' Kristu.

## L-1 TA' MEJJU 2007 - KATINA TA' RUŻARJU

L-1 ta' Mejju, festa pubblika, jum San Ġużepp Ħaddiem kif ukoll il-bidu tax-xahar iddedikat lill-Madonna. X'rigal isbaħ nistgħu nagħtu lill-Ommna Marija jekk mhux it-talba tar-rużarju? M'aħniex nagħtu biss tifħir iżda qegħdin naqalgħu ħafna wkoll. Ġuża kienet qaltilna li l-Madonna qaltilha, "Min iżebbeġ ir-rużarju, idejh jimtlewlu bil-barka t'Alla. Dawk is-sinjali taż-żibeġ tar-rużarju l-Mulej jibdilhom f'ġawhar prezzjuż."
Għalhekk ingħaqdu magħna nhar it-Tlieta l-1 ta' Mejju bejn is-sagħtejn u s-sebgħa ta' filgħaxija għal-katina ta' rużarju li ser issir il-Girgenti biex flimkien nitolbu għall-konverzjoni tal-midinbin, l-għaqda fil-familji u l-paċi fid-dinja.